**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Kumpilazzjoni Numru 427/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Xiberras)**

**vs**

**Mohamed Mustafa Ahmed Bulaybilu**

**Illum, 16 ta' Ġunju 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

"**Mohamed Mustafa Ahmed Bulaybilu**, bil-karta tal-identita' bin-numru 0189752 A.

Billi inti akkużat:

> Talli bejn id-29 ta' Lulju 2020 u il-25 ta' Awwissu 2020 xjentament lqajt għandek jew xtrajt ħwejjeġ misruqa, ċioe' mowbajl tal-għamla Samsug meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament b'kull mod li jkun, ndaħalt biex tbiegħhom jew tmexxihom.
>
> U aktar talli ksirt il-kondizzjonijiet tal-liberta' provviżorja, u b'digriet tal-Qorti tas-16 ta' Ġunju 2021 il-kelma 'provviżorja' ġiet korretta għal 'kondizzjonata', mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.) permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) numru 179/2019 datata nhar it-13 ta' Ġunju 2019."

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jikkonferma l-akkuzi bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet il-provi;

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza tal-lum ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li l-imputat inghata iz-zmien skont il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat irregistra l-ammissjoni ta' htija, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni u fi kliem car fuq il-

konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk iridu jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu, u dan fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-imputat, l-Qorti ssib lill-imputat ħati u wara li qieset l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-kollaborazzjoni sħiħa tal-imputat mal-Pulizija, l-fedina penali tal-imputat u l-fatt li l-oġġett mertu tal-proċeduri huwa fil-pussess tal-Pulizija u ser jiġi ritornat lill-vittma;

Tqis li piena karċerarja ma hiex idoneja f'dan il-każ u għalhekk qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor sa żmien sentejn mil-lum ai termini tal-Artiklu 22 tal-Kap. 446 tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u x'jigri u l-konsegwenzi ghalih f'kaz li l-imputat ma jonorax dawn l-obbligi tieghu.

***(ft) Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur